MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 143/2007

Kawza fil-lista: 19

**A B A**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-konvenuta fit-tlieta (3) ta’ Ottubru 1995, minn liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-Bja mizzewga, jew fuq id-dritt u d-dmirijiet essenzjali taghha,

jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-Bja mizzewga.

4. Illi l-kunses tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

5. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikoli 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta, ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-3 ta’ Ottubru 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taghti affidament lill-konvenuta.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu bir-rit civili fit-3 ta' Ottubru 1995 meta allura l-attur, ta' origini tunezina, kellu 30 sena, filwaqt li l-konvenuta, cittadina maltija, kellha 44 sena, u meta kienu ilhom jafu lil xulxin circa tlett snin.

Jirrizulta li, ghalkemm l-attur ex admissis, ma kienx ihobb lill-konvenuta, huwa hassu komdu bil-Bja li din kienet toffrilu f' Malta, u ghalhekk accetta li jizzewwigha. Wara z-zwieg irrizulta li r-relazzjoni ta' bejniethom bdiet tirriskontra diffikultajiet, bir-rizultat li l-partijiet kienu ghamlu xi snin jghixu separatament, ghalkemm fl-istess dar. Wara hames snin, l-attur gab ic-cittadinanza, u l-konvivenza matrimonjali spiccat, ukoll wara li l-konvenuta saret taf li hu kellu, u ghad ghandu, relazzjoni mal-gara taghha u kellu tarbija minnha.

Il-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza da parti ta' l-attur l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, ghax jirrizulta car li l-attur ma fehemx obbligi essenzjali tieghu taz-zwieg, partikolarment dak tal-fedela'. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li zzewweg mara li ma kienx ihobb, izda semplicement biex jinqeda biha, biex jakkwista c-cittadinanza maltija; u wara, dahal f' relazzjoni extra matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Ottubru 1995. L-ispejjez ikunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------